5044

Illum l-Erbgħa (4) ta'

Numru: 843

Bejgħ

Notarbidat:

17-12-96

Volum/fil-Fol.

Ġ' 1585/96

Arkivre Arkivre

Quddiemi Nutar Dottor Paul George Pisani dehru personalment u identifikaw ruhhom bid-dokumenti hawn taht indikati:

Min-naha l-wahda:

L-Illustrissimu u Reverendissimu Monsinjur Gregorio Vella, bin il-mejtin Giuseppe u Dolores nee' Mizzi, imwieled u joqghod Kercem, Ghawdex (Karta ta' Identità numru: 1320(G)) li qed jidher fuq dan l-att fil-kwalita' tieghu ta' Prokuratur tal-**Massa Kapitolari tal-Knisja Katidrali ta' Victoria, Ghawdex** - debitament awtorizzat b'degriet tal-Eccellenza Tieghu Monsinjur Isqof Nikola Guzeppi Cauchi, Isqof ta' Ghawdex, kif jidher mill-anness Dokument "A". L-imsemmi Monsinjur Vella qieghed jigi assistit fuq dan l-att mill-Illustrissimu u Reverendissimu Monsinjur Guzeppi Curmi, bin il-mejtin Gio Maria u Georgia nee' Attard, imwieled u joqghod il-Munxar, Ghawdex (Karta ta' Identità numru: 58927(G)).

Arkivre Arkivre

U min-naha l-ohra:

John Azzopardi, impjegat mal-Gvern, bin il-mejtin Saviour u Maria nee' Sultana, imwieled x-Xaghra, Ghawdex u martu **Maria Azzopardi**, bint Anthony Sultana u Carmela nee' Vella, imwielda Ghajnsielem ,Ghawdex u residenti x-Xaghra, Ghawdex (Karta ta' Identita' Numru:48138(G) u57042(G) rispettivament)- hawn taht imsemmija: "Il-Kompraturi".

Minni Nutar maghrufin.

Bis-saħħa ta' dana l-att il-konsenti Monsinjur Vella *nomine* li fil-assistit qieghed ibiegh u jittrasferixxi favur tal-kompraturi, li jaccettaw, jixtru u jakkwistaw il-plot numru mija u hmistax (115) mill-art imsejha *Tal-Kaxxja* sive *Ta' Kaxxa* jew *Ta' Zakkun*, fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mitejn u erbghin punt decimali sebgha metri kwadri (240.7m.k.) u tmiss mil-lvant ma' Triq Simirat, u mill-irjieh l-ohra ma' beni tal-Katidral ta' Ghawdex jew aventi kawza, libera u franka, bid-

Arkivre Arkivre

Notary to Government
Victoria, Gozo

Arkivre Arkivre

drittijiet u l-pertinenzi kollha u kif ahjar murija, markata bin-numru mija u hmistax (115) fuq il-pjanta u site-plan hawn annessa u markata dokument "B".

Dan il-bejgh qieghed isir u jigi accettat bil-prezz ta' hmistax-il elf u tlett mitt lira Maltin (Lm15,300) li qeghdin jithallsu presenzialment u tal-istess somma qed tithalla d-debita ricevuta fuq dana l-istess att.

Inoltre dana l-bejgh qieghed isir u jigi accettat b'dawn il-pattijiet:-

Arkivre Arkivre

(1) Dina l-art qed tinbiegh u tigi accettata minghajr garanzija ta' fabbrikabilita' u minghajr ebda garanzija dwar il-pussess vakant;

(2) Il-hajt tal-faccata tat-triq ghandu jinbena interament fuq l-art in vendita filwaqt li l-hitan divizorji l-ohra ghandhom jinbnew f'nofs il-linja medjana;

(3) Il-kompraturi ikunu responsabbli ghall-ispejjez kollha konnessi mal-formazzjoni u manutenzjoni tat-toroq, sistema tad-drenagg pubbliku u ilma, li ghalihom huwa tenut il-venditur jew il-kompraturi skond il-Ligi. Il-kompraturi jobbligaw ruhhom [illegible] sat-triq kollha antestanti l-art imsemmija sa' nofs il-wisa' taghha u dana taht penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) ghal kull gurnata ta' nuqqas. F'kas li l-kompraturi jonqsu milli jwettqu dana l-obbligu saz-zmien xahar wara li jkunu gew interpellati ghal dana l-ghan permezz ta' ittra ufficjali, allura l-venditur jkollu l-jedd li jaghmel l-ispejjez imsemmija u dana a spejjez tal-kompraturi;

Arkivre Arkivre

(4) Il-kompraturi jobbligaw ruhhom li ma' juzawx l-immobili in vendita ghal skopijiet immorali jew kontra t-taghlim tal-Knisja Kattolika Appostolika Rumana;

Arkivre Arkivre

(5) F'kas li l-kompraturi jonqsu li [illegible] kollha assunti minnhom l-venditur jkollu l-jedd ihassar u jirrevoka dana l-bejgh izda dana minghajr pregudizzju ghad-dritt tieghu li jinsisti ghall-esekuzzjoni ta' dana l-obbligu;

(6) Spejjez ta' dana l-att, u tal-konsulent legali u tekniku tal-venditur huma a karigu tal-kompraturi.

Notary to Government
Victoria, Gozo